MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1645/1999/1

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Lulju 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Awissu 1986 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok “A”, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal Adrian Paul li twieled fl-24 ta' Jannar 1989 u Christie li twieldet fit-8 ta' Lulju 1991.

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-konvenuta, ghalkemm mhux interdetta jew marida minn mohhha ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanja setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi mhabba r-ragunijiet premessi u mhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwiegijiet,** iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Awissu 1986 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d), (1) (f) u (1) (h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tordna li din n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ giunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat li din il-kawza giet appuntata b’digriet tat-13 ta’ Ottubru 1999 mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tat-8 ta’ Marzu 2000.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Marzu 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-istess Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn Dr Lorraine Schembri Orland ghall-konvenuta tat ruhha b’notifikata bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh. Il-kawza giet differita ghad-29 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-23 ta’ Marzu 2000 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta mit-trattazzjoni *stante* li ghalkemm taqbel li z-zwieg taghhom huwa null, din in-nullita` hija dovuta ghall-difetti u/jew anomaliji u/jew vizzji imputabbli lill-attur.

2. Illi mhux minnu li l-kunsens ta’ l-eccipjenti kien vizzjat b'difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju jew b'anomalija psikologika serja;

3. Illi mhux minnu li l-l-eccipjenti eskludiet iz-zwieg jew xi element essenzjali taz-zwieg;

4. Illi mhux minnu li kienet inkapaci biex taghti il-kunsens taghha;

5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in kwantu li jikkolpixxu lill-eccipjenti .

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghall-Kontro-Talba li l-eccipjenti qed tipprezenta kontestwalment mal-prezenti nota ta' eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 14 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonata Maria Dolores sive BSpiteri** datata 23 ta' Marzu 2000 (a fol 14) fejn ippremettiet:-

Illi fis-16 t'Awissu 1986 f'Malta gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attur u l-konvenuta u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, Adrian Paul li twieled fil 24 ta' Jannar 1989 u Christie li twieldet fit-8 ta' Lulju 1991.

Illi dan iz-zwieg huwa null minnhabba li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` ta' l-attur li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;
Illi l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali ta' l-istess;
Illi l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-attur, ghalkemm mhux interdett jew marid minn mohhu ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg minnhabba raguni temporanja setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19(1) (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (c) (d) u (f) u (h) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk il-konvenuta rikonvenzjonata talbet li l-attur rikonvenzjonat jghid il-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (c) (d) (f) u (h) tassub-artikolu wiehed (1) tal-artikolu dsatax (19) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

(2) Tapplika kontra l-attur *in mala fede* l-effetti kontemplati fl-**artikolu 20 ta’ l-istess Kap 255** b'mod partikolari s-**sub-incizi (3) u (5) ta’ l-istess artikolu 20**.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonata a fol 16.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat tas-7 ta’ April 2000 (fol 19) fejn eccepixxa:

(1) Illi huwa ma jopponiex ruhu ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti pero` n-nullita` taz-zwieg hija unikament responsabbilta` tal-konvenuta u ghalhekk huwa ma ghandux ibati spejjez ta’ dawn il-proceduri.

(2) Illi m’huwiex minnu li l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` ta’ l-attur li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

(3) Illi m’huwiex minnu li l-kusens ta’ l-attur kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta’ l-istess.

(4) Illi m’huwiex minnu li l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

(5) Illi m’huwiex minnu li l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew

aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

(6) Illi m'huwiex minnu li l-attur ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, minhabba ragunijiet temporanji, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur rikonvenzjonat a fol. 20 u 21.

Rat il-verbali tad-29 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta nnominat lil Dr Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata.  Il-kawza giet differita ghad-29 ta' Novembru 2000, u tad-29 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita ghat-13 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Perit Legali Dr Edwina Grima, tas-16 ta' Ottubru 2000 u  tal-21 ta' Novembru 2000 fejn xehed l-attur, tas-16 ta' Jannar 2001 fejn ma sar xejn; tal-10 ta' Mejju 2001 u t-22 ta' Mejju 2001 fejn kompla jixhed l-attur; u 6 ta' Lulju 2001 fejn saru biss verbali dwar ix-xhieda tal-P.L. Mario Mifsud Bonnici; tal-15 ta' April 2001 fejn Dr. Sandra Sladden esebit tlett affidavits; tas-26 ta' Gunju 2002 fejn xehed A l-attur; tat-28 ta' Ottubru 2002 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; 15 ta' Lulju 2002 fejn l-attur iddikjara li ma ghandux provi izjed; tat-2 ta' Ottubru 2002 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tat-28 ta' Novembru 2002 fejn ma sar xejn; tad-29 ta' April 2003 u 15 ta' Mejju 2003 fejn xehed Carmel Attard prodott mill-konvenuta.

Rat il-verbali tal-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Gunju 2001 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport ghad-19 ta' Novembru 2001 u tad-19 ta' Novembru 2001 fejn il-Perit Legali nfurmat lill-Qorti li s-seduti huma sospizi peress li l-attur kellu jaghmel rikors dwar l-ammissibbilta` ta' xhud.

Rat ir-rikors ta’ A tat-22 ta’ Novembru 2001 fejn talab li l-Qorti tawtorizza lill-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici biex jixhed quddiem din il-Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta’ Novembru 2001 fejn giet ordnata n-notifika.

Rat ir-risposta tal-konvenuta tas-7 ta’ Dicembru 2001.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba *stante* li l-istess Prokuratur Legali huwa marbut bis-sigriet professjonali skond il-ligi.

Rat l-ordni tal-Qorti diversament presjeduta datata 4 ta’ Frar 2002 fejn l-istess kawza giet differita sabiex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat in-nota ta’ l-attur A tal-20 ta’ Marzu 2002 fejn prezenta l-affidavits ta’ **Josephine Spiteri, Rita Chircop u Joseph Chircop** (fol 71 sa 83).

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta tal-10 ta’ April 2002, tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita dejjem ghar-rapport; tat-3 ta’ Dicembru 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavit lill-konvenuta u ordnat lill-Perit Legali biex tiffissa zewg seduti fil-mori tad-differiment b’dan li r-rapport ghandu jigi redatt mhux aktar tard mis-26 ta’ Gunju 2003. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghas-26 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota tal-konvenuta **BSpiteri** tas-27 ta’ Frar 2003 fejn prezentat l-affidavits taghha stess datat 21 ta’ Frar 2003 u t’ommha **Carmen Attard** tal-21 ta’ Jannar 2003 (fol 89 sa 130).

Rat in-nota ta’ l-attur tal-4 ta’ Marzu 2003 fejn irriserva l-kontro ezami tax-xhud Carmen Attard u tal-konvenuta BSpiteri.
Rat il-verbali tas-26 ta’ Gunju 2003; tal-25 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali tiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi tal-konvenuta b’mod li ghandha

tirrelata sad-data tad-differiment tas-seduta u cioe` s-17 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Frar 2004 fejn il-Qorti giet infurmata li l-Perit Legali ffissat zewg seduti u cioe` fid-19 ta’ Frar 2004 u fl-1 ta’ Marzu 2004 ghall-kontro-ezamijiet. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali u ordnatilha tirritorna lura l-process *stante* li d-digriet taghha ma giex osservat. Il-Qorti nnominat lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti sal-ahhar t’April 2004 ghall-provi kollha li fadal. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Mejju 2004.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2004 fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li provi m’hemmx aktar. Il-Qorti irrintegrat l-inkarigu tal-Perit Legali Dr Edwina Grima. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghad-19 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbali tad-19 t’Ottubru 2004 u tal-15 ta’ Frar 2005 fejn Dr Edwina Grima bhala Perit Legali talbet li tigi ezonorata mill-inkarigu taghha. Il-Qorti laqghet it-talba salv il-hlas tad-drittijiet taghha. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-12 ta’ Mejju 2005 b’dan li l-Qorti tat il-fakolta` lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien 30 jum.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Mejju 2005 fejn Dr Lorraine Schembri Orland ghall-konvenuta talbet li tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta’ erbghin jum lill-konvenuta biex tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fis-16 t'Awissu 1986 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d), (f) u (h) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghaliex jallega li l-kunsens tal-konvenuta kien hekk vizzjat; illi l-konvenuta tallega li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h)** ukoll li l-kunsens taghha kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu (1) (c) tal-Kap 255** u dan peress li inkiseb b'qerq prattikat mill-attur.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

***(h)*** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li hemm nullita' taz-zwieg meta hemm vizzju ta' kunsens b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-

mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva ... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* (***Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o*

*addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "… … se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* (***Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.***, **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-

cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*
Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens*

*tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi ta' l-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta` tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta` fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving*

*the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary"**. pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero` fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi **artikolu 19 (1) (h)** jirrigwarda *"setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi kwantu ghad-difett ravvizat fil-paragrafu **(h)**, dan jidher li gie mudellat fuq xi wiehed mill-iskemi li kienu gew prezentati sal-1981 bi thejjija ghall-Kodici l-gdid tad-Dritt Kanoniku (promulgat f'Jannar tal-1983) (ara ***Gherro, S***., **Diritto Matrimoniale Canonico**, **CEDAM (Padova)**, 1985, pp. 126-128). Illum l-istess kuncett li nsibu fil-paragrafu **(h)** jinsab sintetizzat fl-ewwel inciz tal-**Kanone 1095**, *"qui sufficienti rationis usu carent"*. Kif jispjega l-

gurista ***Viladrich***, *"The expression sufficient use of reason refers to the degree of effective possession of the faculties of comprehension and will which is normally acquired from the age of seven years and which is absolutely necessary for a person to be the subject of human acts and to be morally responsible. It is the task of jurisprudence to determine in a concrete case (in casu) the relationship between a proved mental illness or disturbance and the lack of sufficient use of reason in a particular contracting party"* (op. cit., p. 685). Ghalhekk, filwaqt li d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu marbut specifikatament mal-oggett tal-kunsens matrimonjali, id-difett imsemmi fil-paragrafu **(h)** jirreferi ghall-kunsens matrimonjali b'mod aktar generali. Pero` kif jispjega l-awtur ***Castano***:

*"Il canone precisa che non e' necessario che la privazione dell'uso della ragione sia totale. Com'e' ovvio, anche questa circostanza e' richiesta non solo per l'atto umano di consentire, ma per ogni atto umano. Il canone invece dice espressamente che la carenza dell'uso della ragione nella sua specificita' di vizio del consenso matrimoniale, deve essere sufficiente, cioe' questa carenza deve essere proporzionata all'atto specifico di consentire ad un negozio cosi' importante ed impegnativo come e' il matrimonio. In fatti il matrimonio e' un negozio che: a) si riferisce ad un matrimonio determinato con una persona determinata; b) impegna l'intimo della vita degli sposi nella sua totalita'; c) compromette due persone a vivere le relazioni interpersonali; d) non e' per un periodo, ma deve durare per tutta la vita. Di conseguenza, se da una parte non si richiede che la carenza dell'uso della ragione sia assoluta, d'altra parte pero` non e' sufficiente qualsiasi privazione, ma quella che sia proporzionata alla importanza che assume il consenso matromoniale. A nessuno sfugge la differenza tra il "grado" dell'uso della ragione richiesto per consentire al matrimonio e quello richiesto, ad esempio, per "comprare un vestito"* (op. cit. p. 310). Illi dwar dan issir riferenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Michelina Micallef vs Amabile Buttigieg"** (19 ta' Dicembru 1995).

Illi l-konvenuta tallega li l-kunsens taghha gie karpit b'qerq abbazi tal-**artikolu 19 (c) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-sub-artikolu:-

*"Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra"* (**"Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae … … if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant."*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din

il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula *sive* Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu **19 (1) (c)** gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-**artikolu 981 tal-Kodici Civili** li evidentement hu aktar wiesa' fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg."*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality **must be** objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (**Viladrich*** **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova"** (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** - P.A. 22 ta' Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

**<u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Awissu 1986 u damu johorgu flimkien mis-sena 1980. L-attur juza x-xhieda tieghu sabiex jispjega l-eghrusija tieghu mal-konvenuta fejn jidher li kienet wahda normali ghalkemm l-attur ma jonqosx li jaghjjar lil omm il-konvenuta li riedet tindahal f'kollox; pero` ma hemm l-ebda dubju li din hija kawza ta' annullament minn mal-konvenuta u mhux minn omm il-konvenuta li fuq kollox kienet xtrat l-art li fuqha l-partijiet bnew id-dar taghhom.

Illi dwar relazzjonijiet sesswali l-attur kien grafiku u spjegattiv hafna dwar l-istess ghal dak li jirrigwarda relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg, forsi anke zzejjed; jghid li ma kien hemm ebda problema qabel iz-zwieg izda jghid li wara z-zwieg il-konvenuta kienet tirrifjuta li taghmel l-att taz-zwieg u dan b'mod persistenti u x-xhieda tieghu hija kollha f'dan is-sens. Jallega li wara seba' xhur taz-zwieg l-istess zwieg ma kienx konsmat; eventwalment kellhom relazzjonijiet sesswali tant li fl-1989 kellhom tifel pero` xorta jallega li fi hdax-il sena l-att proprju taz-zwieg sehh b'kollox hames (5) darbiet biss; jallega li l-konvenuta bdiet torqod waheda wara 3 jew 4 snin taz-zwieg; jidher li kien hemm ukoll inkwiet dwar il-familji rispettivi taghhom u jidher li l-attur jallega li kien issir tghajjir bil-familji miz-zewg partijiet. L-attur issostni wkoll li l-konvenuta kienet jew ahjar bdiet issir vjolenti u jghid li kienet tisma' minn ommha; il-partijiet jidher li kienu jahdmu t-tnejn ghalkemm argumenti dwar infieq tal-flus kien hemm ukoll.

Illi l-konvenuta tikkontesta dan kollu u tghid li fil-fatt z-zwieg kien gie kkunsmat mill-ewwel f'qamar il-ghasel; fil-fatt fl-affidavit taghha tikkontrasta l-allegazzjonijiet kollha ta' l-attur u tghid li hija kienet disposta ghar-relazzjoni ta' ragel u mara izda tallega li r-relazzjoni taghha ma' l-attur hzienet meta l-attur beda' ma jmantnihiex u beda jkun vjolenti maghha u ma' uliedha u hawn hija tirrakkonta sensiela twila ta' incidenti fejn skond hija l-attur kien kattiv u vjolenti maghha; hija tirrakkonta diversi incidenti ta' vjolenza domestika kemm fuqha u kemm fuq uliedha, incidenti verament serji u b'hekk fethet kawza ta'

separazzjoni u inghata Digriet skond hija mill-Onorevoli Mhallef Joseph David Camilleri f'Marzu 1998.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz l-ebda parti ma ppruvat l-allegazzjonijiet taghha – jidher car li kien hemm disgwid kbir familjari fejn certament dan iwassal ghal kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet, pero` din il-Qorti ma' thossx li l-ebda wahda mill-allegazzjoni attrici jew tal-konvenuta ta' vizzju ta' kunsens gew ippruvati; dak li gie ppruvat huwa bla dubju li l-konvivenza bejn il-partijiet ma hijiex aktar possibbli u certament hemm bazi sabiex tinghata separazzjoni bejn il-partijiet pero` difett ta' kunsens ta' xi parti jew ohra ma hemmx.

Illi fil-fatt jidher li minkejja kollox fis-sens ta' allegazzjonijiet li kull parti taghmel kontra l-ohra, l-istess allegazzjoni hija kontradetta mill-parti l-ohra; l-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenuta kienet issimulat il-kunsens taghha u ma kenitx lesta li taghmel l-att taz-zwieg mieghu hija kontradetta bl-aktar mod car u inekwivoku mill-konvenuta; anzi hija tghid li kellha relazzjonijiet normali ma' l-attur u z-zwieg kien konsmat mill-ewwel u anke li kellhom zewgt itfal; jidher car li f'xi mument l-konvenuta rrifjutat li jkollha relazzjonijiet ma' l-attur, izda dan jidher li sehh meta bdew incidenti ta' vjolenza mill-istess attur u ma hemm ebda dubju li l-partijiet kawza ta' l-istess, u l-istess ulied il-partijiet ghaddew minn zminijiet tassew difficcli; pero` dan ma jwassalx ghall-prova la ta' l-allegazzjonijiet attrici u lanqas dawk tal-konvenuta.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-kunsens ta' kull parti ghal dan iz-zwieg kien wiehed validu u l-partijiet kienu fehmu r-responsabbiltajiet taghhom rispettivi – wkoll gie ppruvat li l-kunsens ta' kull parti kien validament u konxjentosament moghti u certament li ma hemm l-ebda bazi ghaliex dan iz-zwieg bejn il-partijiet ghandu jigi kkunsidrat bhala null u bla effett; dak li gie ppruvat biss kien li waqt il-hajja mizzewga kien hemm problemi kbar bejn il-partijiet mhux lanqas minhabba vjolenza domestika, pero` dan fil-kaz odjern iwassal ghall-kawzali ta' separazzjoni izda mhux ta' annullament taz-zwieg; il-mod kif il-partijiet resqu l-provi taghhom jikkonferma dan,

fejn fuq kollox l-istess partijiet ikkontrastaw lil xulxin fuq kull allegazzjoni u kull parti taghti tort lill-parti l-ohra ghaliex dan iz-zwieg sfaxxa, tant li jidher car li kull parti resqet ix-xhieda taghha intenzjonata biss sabiex tpoggi lill-parti l-ohra f'dawl ikrah u dan kif normalment isir f'kawza ta' separazzjoni, b'dan li din il-Qorti thoss li abbazi ta' dawn il-versjonijiet moghtija mill-partijiet, li huma kontrastanti ghal dak li huwa responsabbilta` tal-partijiet ghal dan il-falliment tal-konvivenza ta' bejniethom, ma hemm l-ebda dubju li l-ebda parti ma ppruvat li hemm bazi ta' annullament taz-zwieg lanqas skond il-premessi minnhom migjuba l-quddiem – b'dan li jista' jinghad li l-ebda parti ma rnexxhiela tonora l-oneru ta' prova mpost fuqha u fil-fatt l-ebda parti ma rnexxhiela tipprova dak minnha allegat – anzi hemm biss f'dan il-process provi konfliggenti anke fuq l-allegati fatti kontenuti fil-versjoni ta' kull parti. Ghalhekk kemm l-azzjoni attrici u l-kontro-talba tal-konvenuta ghandhom u qed jigu b'hekk respinti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b'xi mod kompatibbli ma' dak fuq deciz, **tichad it-talbiet attrici *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenuta** din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha ta' l-attur fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu ghall-istess kontro-talba tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b'xi mod kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.**

Bl-ispejjez tal-kontro-talba kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------